MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2463/2002

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company, kif surrogati fid-drittijiet ta' Carmelo Tabone u l-istess Carmelo Tabone**

**vs**

**Emanuel Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u hamsa u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm865.25) rappresentanti danni kagjonati f'incident stradali li sehh bejn il-vettura Seat Cordoba  bin-numru ta' registrazzjoni MRN-814 ta' Carmelo Tabone u Leyland bin-numru LAW 874 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh f'Hal Qormi fl-1 ta' Marzu 2002, ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.50 ta' konsult u dawk ta'l-ittra ufficjaliipprezentata kontestwalment ma'l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta'l-avviz, kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-9 ta' Dicembru 2002, fejn huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Marzu 2002 kif riferit fic-citazzjoni. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, il-quantum tad-dannni pretiz mill-atturi huwa esagerat. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda ta' P.S. 318, Francis Rogers, ta' Marvin Tabone u l-konvenut u tas-surveyor Anthony Mizzi.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu ta' din il-kawza sehh gewwa Hal Qormi fit-triq li tiehu lejn il-Hamrun vicin fejn hemm l-istabbiliment tal-Wands u l-ufficju tal-Maltapost. Iz-zewg sewwieqa kienu sejrin fl-istess direzzjoni. Tabone kien qieghed isuq Seat Cordoba fil-karreggjata tan-naha ta' gewwa, filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura ta' proporzjonijiet kbar u cioe' trukk trailer fil-karreggjata ta' barra.

Jidher illi fil-mument li sehh incident it-traffiku kien qieghed isuq bil-mod, tant illi l-attur jikkontendi illi kien wieqaf wara t-traffiku fil-mument li sehh l-impatt. Il-konvenut min-naha tieghu isostni illi huwa kien wieqaf wara trukk kbir tal-gebel u jichad illi kien hemm traffiku wieqaf fuq in-naha tax-xellug tieghu, peress illi trukk tieghu tant kien kbir li ma kenitx tghaddi vettura bejnu u bejn il-hajt u cioe' fil-karreggjata tan-naha ta' gewwa. Ghalhekk jasal ghal konkluzjoni illi l-incident sehh meta Tabone ipprova ighaddiminn bejnu u bejn il-hajt u b'hekk haxken mat-trukk tieghu minhabba li ma kienx hemm bizzejjed spazju. Izda

din hija biss kongettura tal-konvenut ghalliex huwa isostni illi fl-ebda moment qabel l-impatt ma ra lil Tabone vicin tieghu.

L-attur jichad dan kollu u isostni illi huwa kien wieqaf u meta it-traffiku tal-karreggjata ta’ barra mexa, ghadda t-trukk tal-konvenut minn hdejh u hass il-vettura tieghu tiehu skoss ‘il quddiem. B’hekk huwa beda idoqq il-horn sabiex jigbed l-attenzjoni tal-konvenut illi huwa kien habat fih.

Illi jekk wiehed ihares lejn l-iskizz imhejji mis-surgent Rogers (Dokument FR2 a fol.23), jirrealizza illi il-vettura ta’l-attur hija wieqaf fil-karreggjata tat-triq tan-naha ta’ gewwa vicin hafna il-hajt. Rigward il-posizzjoni tat-trukk, din hija biss wahda immaginarja u dana perss illi t-trukk kien gie imcaqlaq minn pulizija iehor qabel ma sar l-isketch u dana minhabba l-fatt illi kien qieghed jinzamm it-traffiku. Illi minn dan l-iskizz jirrizulta illi mhuwiex minnu dak li jikkontendi l-konvenut u cioe’ illi ma kienx hemm bizzejjed spazju fil-wiesgha tat-triq li tippermetti vettura ohra tghaddi minn hdejn it-trukk tieghu,iktar u iktar meta huwa ighid illi kiser xi ftit ‘il barra biex ikun jista idur minhabba il-liwja li hemm f’dik il-parti tat-triq. Inoltre l-konvenut jikkontendi illi fl-ebda mument qabel l-impatt hwua ma ra lil Tabone u ghalhekk ma jistax jikkonkludi illi Tabone ipprova ighaddi minn ma genbu u ma irnexxielux. Din l-allegazzjoni imressqa mill-konvenut ma giet bl-ebda mod ippruvat. Kwindi il-verzjoni moghtija minn Marvin Tabone hija wahda iktar kredibbli u verosimili tenut kont tac-cirkostazni tal-kaz. Anke jekk wiehed ihares lejn il-hsarat fil-vettura ta’ Tabone, jirrizulta illi l-vettura qalet id-daqqa fuq il-parti ta’ wara fejn anke hemm sinjal ta’ kulur ta’ zebgha mit-trukk fuqha u tibqa tkaxkar ghan-naha ta’ quddiem, haga li ma setatx issir kieku l-kollizzjoni sehhet kif qieghed jikkontendi l-konvenut.

Inoltre min ikun qieghed isuq vettura ta’ certu kobor ghandu jezercita prudenza massima fis-sewqan b’mod li jassigura li f’kull hin ikun f’posizzjoni li jikkontrollaha. Anke it-toqol tal-vettura timponi kawtela ikbar fuq is-sewwieq. Illi mill-provi prodotti ma jidhirx illi l-konvenut kien qieghed

izomm din il-kawtela, tant illi lanqas biss induna li kien hemm vetturi jinsaqu fil-karreggjata biswietu u ighid illi l-unika vettura li ra kien it-trukk tal-gebel ta’ quddiemu u xejn izjed. Lanqas biss induna illi huwa kien laqat vettura ohra u irealizza biss meta Tabone daqqlu l-horn.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni, ghalkemm jidher illi l-konvenut qieghed jikkontesta l-istess fit-tieni eccezzjoni sollevata minnu, madankollu huwa ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkontesta l-istess u fi kwalunkwe kas jidher mid-dokumenti esebieti illi l-ammont mitlub huwa wiehed gustifikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u ighaddi sabiex filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati minnu, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tmien mija u hamsa u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm865.25), bl-imghaxijiet mill-15 ta’ Novembru 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------